

31996F1023(01)

C 313/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.10.1996

ATT TAL-KUNSILL**tat-27 ta' Settembru 1996****li jfassal l-Protokoll dwar l-Konvenzjoni fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej**

(96/K 313/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu K.3(2)(c) tiegħu,

Billi, sabiex ikunu miskuba l-għanijiet ta' l-Unjoni, l-Istati Membri jqisu l-ġlieda kontra l-kriminalità li tagħmel ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej bħala materja ta' interess komuni li tiġi taħt il-kooperazzjoni previst mit-Titolu V tat-Trattat

Billi bl-Att tas-26 ta' Lulju 1995 il-Kunsill fassal bħala l-ewwel ftehim il-Konvenzjoni fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej li hu maħsub iżjed speċifikament sabiex jikkumbatti l-frodi li jagħmel ħsara lil dawk l-interessi;

Billi, fit-tieni stadju tagħha, din il-Konvenzjoni għandha tiġi supplimentata bi Protokoll dirett partikolarment lejn l-atti ta' korruzzjoni li jinvolvu uffiċjali nazzjonali u tal-Komunità li

jagħmlu ħsara jew x'aktarx jagħmlu ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;

IDDEĊIEDA li l-Protokoll, li t-test tiegħu maħruġ fl-Anness mehmuż u li ġie ffirmat illum mir-Rappreżentanti Governattivi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni, ġie hawnhekk mfassal;

JIRRAKKOMMANDA illi jiġi adottat mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Settembru 1996.

Fisem il-Kunsill

Il-President

M. LOWRY